## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. WILLIAM CUSCHIERI (KI. 70582M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**29/11/2022**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

talli fil-21/2/2022 ghall habta ta 15.45Hrs fi Triq Dun karm, Birkirkara,

(1). Waqt li kont qed issuq vettura Nru.CBV358 kont qed izzomm u jew tuza b`idejk telefon cellulari jew xi apparat simili iehor li jinzamm fl-idejn fil-waqt li l-vettura kienet miexja.

(2). Waqt li kont qed issuq vettura Nru.CBV358 inqast li jkollok kontroll shih taghha waqt is-sewqan

(3). Soqt vettura Nru.CBV358 minghajr ma kellek licenzja tas-sewqan.

(4). Soqt vettura Nru.CBV358 minghajr ma kont kopert b`polza ta`assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

(5). Inqast li tobdi l-ordni legittima moghtija lilek mill-Pulizija persuna nkarigata minn servizz pubbliku jew ma hallejtx jew fixkiltu waqt il qadi ta dmirijietu, jew b`xi mod iehor bla jedd, indhalt fi dmirijietu billi ma hallejtx lil haddiehor jaghmel dak li b`ligi jkun ordnat jew jista jaghmel.

(6). Irrifjutajt li taghti jew tajt falz lil ufficjal pubbliku, cioe lil Pulizija, ismek,kunjomok u partikolarijiet ohra.

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PC 1035 N. Micallef (affidavit) u ta' Kenneth Pace (affidavit).

Rat l-atti proċesswali.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Imputazzjonijiet numru wieħed (1), tnejn (2), erbgħa (4), ħamsa (5) u sitta (6)*

Jirriżulta illi l-imputat ġie notifikat biċ-ċitazzjoni fis-27 ta' Settembru 2022. Stante illi r-reati ravviżati fl-imputazzjonijiet numru 1, 2, 4, 5 u 6 huma ta' natura kontravvenzjonali u allegatament seħħew fil-21 ta' Frar 2022, dawn huma preskritti bit-trapass taż-żmien.

*Imputazzjoni numru tlieta (3)*

Mill-affidavit ta' Kenneth Pace (Transport Malta) jirriżulta illi l-liċenzja tas-sewqan tal-imputat skadiet fil-22 ta' Ottubru 2018 u ġiet imġedda fl-24 ta' Marzu 2022. Fl-affidavit tiegħu PC 1035 N. Micallef spjega kif fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi innuta l-vettura Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni CBV358 fejn ix-xufier tagħha kien qed juża t-telefon ċellulari tiegħu. Kien f'dak l-istadju li l-uffiċjal talab lill-imputat sabiex iwaqqaf fil-ġenb.

Fit-trattazzjoni finali l-abbli avukat difensur tal-imputat argumenta illi l-uffiċjal tal-Pulizija ma' ressaq l-ebda prova illi l-imputat kien effettivament il-persuna li kien qiegħed isuq il-vettura. Il-Qorti tara pero' li dan l-argument ftit li xejn jagħmel sens. Huwa veru illi fl-affidavit tiegħu l-Pulizija qal illi rriżultatu illi x-xufier kien "is-Sur William Cuschieri" mingħajr ma' speċifika kif rriżultalu dan. Madanakollu l-Pulizija spjega ukoll illi meta inizjalment huwa talab lill-imputat il-liċenzja tas-sewqan u dan qallu li ma' kienetx fuqu l-istess uffiċjal għamel verifiki mal-*control room* u sab li l-liċenzja filfatt kienet skaduta. Din l-informazzjoni l-uffiċjal ma' kienx jiksibha jekk mhux bid-dettalji personali li ngħataw lilu mill-imputat stess. Inoltre kien l-imputat innifsu li wera lill-istess uffiċjal il-polza tal-assigurazzjoni li kienet indirizzata f'ismu. M'hemm l-ebda dubbju raġjonevoli għalhekk dwar il-fatt illi fi kliem PC 1035: "ix-xufier irriżulta li kien is-Sur William Cuschieri ID. 70582m".

Għalhekk jirriżulta ben pruvat illi l-imputat saq mingħajr liċenzja tas-sewqan fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet numru 1, 2, 4, 5 u 6 stante illi huma preskritti, issibu ħati tat-tielet (3) imputazzjoni (Kap. 65, Art. 15(1)(a)) u tikkundannah jħallas multa ta' tlett mitt euro (€300). B'żieda mal-piena l-Qorti tiskwalifikah milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tmient (8) ijiem (Kap. 65 Art. 15(3)).**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y.M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |